MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 111/2004

**William u John ahwa Bugeja**

**vs**

**Dr. Richard u Nadia konjugi Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 ta' Frar tas-sena 2004 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:

1. Illi jhallsu lill-atturi s-somma ta' erbat elef Lira Maltin, (LM4,000.00,0) rapprezentanti xoghol ta'

kostruzzjoni, tqattieh ta’ blat u thammil rez mill-atturi fil-proprjeta’ tal-konvenuti;

2. Bl-ispejjez u l-imghax kummercjali mid-19 ta’ Novembru tas-sena 2002 u l-konvenuti ingunt in subizzjoni;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata t-8 ta’ Marzu tas-sena 2004 li permezz taghha l-konvenuti eccepew is-segwenti:

1. Illi t-talba hija preskritta bl-gheluq ta’ sena u nofs skond l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili;

2. It-talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenuti hallsu kull ma kellhom jaghtu lill-ahwa Bugeja u dan aktar minn tlett snin ilu u hemm id-debiti ricevuti;

3. Illi sahansitra l-hlasijiet illi saru kienu bil-wisq superjuri ghal dak illi kien verament dovut;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta limitatament rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-attur William Bugeja datata l-20 t’Ottubru tas-sena 2004, kontenenti wkoll il-visto tal-kontroparti;

Ikkunsidrat:

Illi d-decizjoni odjerna tirrigwarda esklussivament l-ewwel eccezzjoni preliminari senjatament, il-preskrizzjoni ai termini tas-sub-artikolu 2148(a) tal-Kap 16;

Illi l-artikolu fuq indikat jghid testwalment hekk:

*"L-azzjonijiet hawn taht imsemmija jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar;*

*a. l-azzjonijiet…ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu";*

Ikkunsidrat:

Illi b'rilevanza ghas-suespost il-fatti tal-kawza li qed jitolbu rizoluzzjoni jistghu sintetikament jigu kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi skond il-konvenut l-ahhar li l-atturi kienu gew osservati fil-fond proprjeta' tal-konvenuti kienu fid-19 ta' Novembru tas-sena 2001;

2. Illi l-konvenut Portelli jafferma li kien hallas lill-atturi madwar tlett (3) gimghat qabel, (ara fol 10);

3. Illi in effetti jirrizulta li l-ahhar pagament dovut mill-konvenuti lill-atturi gie effettwat fis-16 ta' Novembru tas-sena 2001, (ara fol 15);

4. Illi l-istess attur William Bugeja jikkonferma bil-gurament li ffirma d-dokument indikat fil-paragrafu precedenti u jkompli jikkonferma li dan "*iffirmajtu ghax ridt ma kien hemm l-ebda forma ta' theddid…",* (ara fol 17);

Ikkunsidrat:

Illi in effetti d-dokument a fol 15 tal-process jindika li l-pagament hemm riferit kien ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni li tista' tkun vantata mill-atturi;

Illi inoltre mid-data tas-16 ta' Novembru tas-sena 2001 li tidher fuq l-istess dokument indikat fil-paragrafu precedenti ma jidher li kien hemm l-ebda komunika legali jew mod iehor bejn il-partijiet li wiehed seta' jifhem li l-atturi setghu b'xi mod jivvantaw xi dritt fil-konfront tal-konvenuti;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi din il-qorti takkolji l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenuti u tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148 (a) tal-Kap 16;

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Marica Sammut
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------